**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Steven Heraghty

vs

Channel Trade Marketing

CCT 224/17/MS

Illum 7 ta' Mejju 2018

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fit-12 ta' Dicembru 2017 fejn talab ir-rifuzjoni ta' tlett mija u tnax il-Euro (€312.00) prezz ta' saqqu mixtri minghand l-azjenda intimata, liema saqqu kien difettuz konsegwenza ta' *foam displacement.*

Ra r-risposta tal-azjenda intimata pprezentata fil-5 ta' Jannar 2018 fejn cahdet it-talba tar-rikorrent peress illi l-ilment tar-rikorrent kien process naturali, kawza tat-tul taz-zmien illi r-rikorrent ghamel uzu mill-istess saqqu.

Ra l-atti kollha tal-process.

Sema x-xhieda bil-gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi fl-1 ta' Novembru 2012 ir-rikorrent xtara saqqu b'hames snin garanzija minghand l-azjenda intimata. Fis-sajf ta' 2016 wara li r-rikorrent kien ilmenta mal-azjenda intimata illi s-saqqu kien tilef il-forma mill-gnub, gie xi hadd mill-azjenda sabiex jaghmel spezzjoni tas-saqqu u jiehu xi ritratti. Fil-fatt din il-persuna accertat lir-rikorrent li s-saqqu ma kellu xejn. Sena wara, allura f'2017, ir-rikorrent ighid li l-problema zdietet u mar kellem impjegata tal-azjenda intimata u fuq struzzjoniet taghha baghat xi ritratti permezz ta' email. Wara diversi tentattivi, jidher illi fit-22 ta' Settembru 2017 irnexxielu jistabilixxi kuntatt mal-kumpanija u wara diversi skambji ohra jidher illi fl-10 ta' Ottubru rcieva email minghand MaryJosette Musu li qaltlu li l-garanzija qieghda fuq il-parti tal-irqad tas-saqqu (sleeping area of the mattress) u ghalhekk peress illi dan kien ghadu tajjeb is-saqqu ma setax jinbidel. (ara Dok SH5) Fil-fehma tal-fabbrika, il-problema tal-

*foam displacement* kien rizultat ta' *'constant applied force'* li seta' jizviluppa jekk ir-rikorrent kien joqghod bil-qieghda fit-tarf tas-saqqu. Min-naha tieghu, ir-rikorrent innega illi kien qaghad bil-qieghda fuq il-genb tas-saqqu u insista illi s-saqqu jerga' jigi kif kien originarjament. Ir-rikorrent stqarr ukoll li ghalkemm fir-risposta kien giet offruta is-somma ta' mitt Euro bhala kumpens , din il-proposta qatt ma giet maghmula qabel fil-mori tal-korrispondenza bejniethom.

Illi min-naha l-ohra, l-azjenda intimata, rapprezentata minn Charles Grxti, filwaqt illi qabblet mal-fatti u mas-segwenza ta' kif graw l-affarijiet, tghid illi s-saqqu nxtara f'Novembru 2012 u kien biss wara hames snin ta' uzu mir-rikorrent, propju xahrejn qabel ma kien jiskadi t-terminu tal-garanzija, illi sar l-ilment. Tghid ukoll li minkejja t-trapazz taz-zmien, il-*wear and tear* u l-uzu li kien ghamel minnu r-rikorrent, kien qed jippretendi li jiehu lura l-ammont shih tas-saqqu. Charles Grixti qal ukoll illi la darba r-rikorrent ma accetax l-offerta ta' mitt euro u jzomm is-saqqu, din l-offerta issa qed tigi rtirata.

Ikkunsidra

Illi mhuwiex kontestat illi r-rikorrent xtara minghand l-azjenda intimata s-saqqu in kwistjoni f'Novembru 2012 u l-anqas ma hu konstestat li dan is-saqqu kellu garanzija ta' hames snin li jiskadi fl-ahhar ta 'Ottubru 2017. Fis-sajf ta' 2016, ir-rikorrent ghamel l-ewwel ilment mal-azjenda intimata li s-saqqu tilef il-forma mill-gnub. Saret spezzjoni minghand impjegat tal-azjenda intimata li ma skontra xejn hazin fis-saqqu in kwistjoni. Sena wara, allura fis-Sajf ta 2017, ir-rikorrent rega' ilmenta fuq l-istess problema u sar skambju ta emails. Intbaghtu ukoll ritratti tas-saqqu bil-hsara lamentata u hawnhekk l-azjenda intimata kkonkludiet illi din il-kondizzjoni kienet rizultat ta' *foam displacement* wara snin ta' uzu fejn ir-rikorrent jew persuni ohra kienu joqghodu bil-qieghda fuq it-tarf tas-saqqu. Din il-kondizzjoni ma kenitx taffetwa is-*sleeping area* li baqghet intatta u ghalhekk il-kondizzjoni ma kenitx koperta bil-garanzija. L-azjenda intimata, b'sens ta' rieda tajba offriet mitt Euro bhala kumpens pero dina ma gietx accetata.

Ikkunsidra.

Illi minn dawn ir-rizultanzi it-Tribunal difficili jasal ghal konkluzjoni illi kien hemm xi haga inizjalment hazina jew difettuz fis-saqqu in kwistjoni. Ir-rikorrent uza s-saqqu ghal kwazi erba' snin minghajr ebda ilment u kien biss sena qabel ma ghalqet il-garanzija illi ilmenta dwar *foam displacement* fil-gnub. Pero' il-kwistjoni waqqfet hemm u r-rikorrent ma segwiex l-ilment tieghu. Kien biss sena wara, propju ftit xhur qabel l-eghluq tal-garanzija, li rega' ghamel l-istess ilment.

It-Tribunal ra r-ritratti li hemm esebiti f'dawn l-atti u minn spezzjoni viziva ma jidhirx illi dan is-saqqu fih xi difett daqshekk serju li ma jistax jintuza. Fil-fatt ir-rikorrent baqa' u

ghadu juza s-saqqu sal-lum. Jidher pero' illi hemm daqxejn *foam displacement* fuq il-genb tas-saqqu. L-ispjegazzjoni ta' Charles Grixti, ir-rapprezentant tal-azjenda intimata, li dan id-*displacement* huwa konsegwenza ta' persuna/ persuni li joqghodu bilqieghda fuq il-genb tas-saqqu jaghmel sens u huwa ferm probabbli fic-cirkostanzi tal-kaz. Dana pero ma jfissirx li hemm xi haga hazina fis-saqqu illi jaffetwa l-garanzija jew b'xi mod ghandu jigi rizarcit ir-rikorrent.Mehud in konsiderazzjoni l-fatturi kollha - l-prezz tas-saqqu, l-uzu li ghamel minnu r-rikorrent ghal kwazi hames snin, kif ukoll ll-kundizzjoni tas-saqqu fil-prezent, it-Tribunal jidhirlu li r-rikorrent ma lahaqx il-grad tal-prova necessarja biex l-istanza tieghu ikollha success.

Ghal dawn il-motivi, it-Tribunal jaqta' u jiddeciedi illi jichad it-talba tar-rikorrent. Bl-ispejjes kontra tieghu.

Michela Spiteri LL.D
Arbitru